MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 77/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ammont dovut mill-konvenuta lis-socjeta’ attrici bhala rifuzjoni ta’ flus imhallsa lill-konvenuta bhala maternity leave.

l-ammont huma dovut minhabba l-rizenja mill-impjieg tal-konvenuta fit-23 t’Ottubru 2003.

Bl-ispejjes u imghax skond il-ligi mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz kontra l-konvenuta in inibizzjoni.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, Sylvana Muscat (I.D.  no 184780(Mi)

Tecepixxi bir-rispett

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress is-socjeta' attrici qatt m akellha d-dritt iccahhad lill-konvenuta li tinghata sena leave minghajr hlas biex tiehu hsieb it-tarbija u dana kif provdut fil-Parental Leave Entitlement Regulations (S.C. 452.78) – Artikolu 18:
2. Illi konsegwenza ta' dan ir-rifjut illegali da parti tas-socjeta' attrici li taghti lill-konvenuta sena unpaid leave, hija kienet kustretta titlaq mix-xoghol
3. Illi f'dan il-kaz tapplika il-ligi tac-CERA (Artikolu 20) u b'digriet tal-20 ta' April 2005 il-kelma "CERA" giet sostitwita bil-kliem "employment and Industrial Relations; Kapitolu 452 , li tistipula li m'hemm l-ebda obbligu li jigi rifuz l-ammont tal-hlas tal-maternity leave jekk ikun hemm ir-raguni tajba u bizzejjed ghal dan.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Ha konjizzjoni tal-provi akkwisiti u tal-ligi rilevanti

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-konvenuta kienet impjegata mas-socjeta attrici. Il-konvenuta hadet 13-il gimgha maternity leave (fol 22) li spicca fit-2 ta' Novembru 2003 (fol 26). B'ittra tal-15 ta' Settembru 2003 (fol 25) il-konvenuta applikat ghal sena leave minghajr hlas li ibda meta jintemm il-maternity leave. Is-socjeta' attrici rrifjutat dan il-leave, bla ebda raguni, b'ittra datata 21 t'Ottubru 2003 (fol 26) u fit-23 t'Ottubru , minhabba dan ir-rifjut, il-konvenuta rrizenjat mill-impjieg b'ittra tat-23 t'Ottubru 2003. Sussegwentement, is-socjeta' attrici ghamlet din il-kawza biex titlob il-hlas lura tal-pagi minnha mhallsa lill-konvenuta matul il-maternity leave.

Il-konvenuta tecepixxi li s-socjeta' attrici bhala employer kienet obbligata taghtiha l-parental leave a tenur ta' artikolu (sic) 18 tal-avviz legali 452.78 (recte: regolament numru 4 (1) tal-avviz legali 452.78); li konsegwenza ta' dan ir-rifjut illegali l-konvenuta kienet kostretta tirrizenja mill-impjieg; u konsegwentement m'ghandux japplika l-artikolu 37 (20) ta' Kap 452 li jintitola lill-employer jitlob ir-

rifuzjoni tal-hlas imsemmi kemm-il darba l-impjegat jabbanduna l-impjieg minghajr raguni gusta.

Jirrizulta li meta l-konvenuta applikat tat iktar tlett gimghat notice ghall-istess leave u ghalhekk ottemperat ruhha ma' disposizzjonijiet tar-regolament 6 (1) tal-A.L. 452.78).

Min-naha l-ohra, il-konvenut ghandha impressjoni li kienet impjegata tal-Gvern ta' Malta (ara fol 19 u 20) u li allura hija intitolata ghal sena parental leave, filwaqt li effettivament hija impjegata ma' socjeta' kummercjali, anke jekk tappartjeni in toto jew in parti lill-istess Gvern, u ghalhekk hija intitolata biss ghal tlett xhur leave, u mhux ghal sena leave kif talbet. L-anqas jirrizulta, mill-provi, li kellha xi jedd bhal dan skond il-ftehim kollettiv, li presumibilment hemm, bejn is-socjeta' attrici u l-impjegati taghha. Ghalhekk is-socjeta' attrici kienet iggustifikata li tirrifjuta li taghti sena parental leave, liema leave **mhix obbligata taghti** (almenu skond dak li jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza) u konsegwentement ir-rizenja tal-konvenuta m akinitx iggustifikata.

Ghaldaqstant it-Tribunal m'ghandu l-ebda triq ohra ghajr li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, filwaqt li jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenuta ghar-rifuzjoni tas-somma ta' Lm1,049.75c ammont imhallas lilha bhala maternity leave bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------